MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 344/2006/1

**Maltacom p.l.c. u b'digriet tat-22 ta' Jannar 2008, isem is-socjeta' attrici gie mibdul ghal "GO plc"**

**vs**

**Carmelo Bonnici u Justin Joe Bonnici**

**Il-Qorti,**

Fl-10 ta' Lulju, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Novembru 2006 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jhallsu, in solidum, lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef, disa' mija tlieta u disghin lira u erbgha u erbghin centezmu (Lm4993.44) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati

lill-proprjeta’ tas-socjeta’ attrici waqt xogholijiet fi Triq Bormla, Fgura, f’Jannar 2005 u dan skond fattura bir-referenza MC 00586 datata 2 ta’ Novembru 2005 (GT 3/2005).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Dokumenti mehmuza:

Dok A - Ittra ufficjali bir-referenza 893/06 datata 16 ta’ Frar 2006 debitament notifikata.
Dok B - Vera kopja ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ippreseduta mill-Onor. Magistrat Antonio Mizzi fit-28 ta’ Settembru 2005.
Dok C - Fattura bir-referenza MC 00586.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok illi s-sentenza pprezentata mis-socjeta’ attrici u mmarkata bhala Dokument “B” m’ghandhiex taghmel stat ta’ fatt kontra l-esponenti fil-kamp civili ghaliex din hija materja kompletament differenti u inadempjenti minn dawn il-proceduri.

2. Illi fit-tieni lok u dejjem minghajr pregudizzju s-socjeta’ attrici ma hijiex il-proprjetarja assoluta tal-cables li allegatament giet ikkagunata hsara fuqhom;

3. Illi fit-tielet lok l-eccipjenti ma humiex responsabbli ghall-hsara li allegatament saret fuq l-imsemmija cables tat-telephone tas-socjeta’ attrici u dan kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza;

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal dak imsemmi hawn fuq, l-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici ma huwiex wiehed ragonevoli u lanqas ma

huwa korrett u ghalhekk ma huwiex dovut mill-konvenuti;

5. B’riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenuti qeghdin fil-qasam tal-kostruzzjoni u f’Jannar ta’ l-2005 kienu qeghdin iqattghu trinka fi Triq Lorry Sant kantuniera ma’ Triq Bormla, l-Fgura. Waqt li kien qed isir dan ix-xoghol intlaqat *cable* proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Dan il-*cable* ssewwa u issa s-socjeta’ attrici qieghda titlob il-hlas tat-tiswijiet minghand il-konvenuti.

Irrizulta mill-provi illi fl-20 ta’ Jannar 2005 ghal habta ta’ 12:15p.m. il-konvenuti kienu qeghdin jaghmlu trinka fi Triq Lorry Sant kantuniera ma’ Triq Bormla meta qatghu *cable* proprjeta’ tas-socjeta’ attrici. Il-*cable* milqut huwa maghruf bhala *1600 PR* li kien jaqdi l-inhawi tal-Kottonera. Ritratti ta’ din il-hsara jinsabu esebiti fil-process a fol 83. Filwaqt li l-konvenuti mhumiex qeghdin jinnegaw illi kienu l-kuntratturi li ghamlu x-xogholijiet inkwistjoni u li qatghu l-*cable*, jghidu li uzaw *mini excavator* u li hadd ma gie biex jimmarka l-*cable* milqut. Dan il-*cable* kien pied u nofs mill-wicc tat-triq, meta suppost kien zewg piedi u nofs.

Justin Bonnici (fol 95) qal illi ghamel applikazzjoni mal-Maltacom izda hadd ma gie biex jimmarka u fi kwalunkwe kaz il-*cable* kien f’art privata. Hu personalment ma kellem lil hadd mill-Maltacom u hadd mid-ditta tieghu mar l-ufficini tas-socjeta’ attrici biex jaghmel xi applikazzjoni peress li kienu ser ihaffru f’art privata, allura skond hu, ma kellhomx ghalfejn permess.

Il-konvenut l-iehor Carmelo Bonnici qal piu’ o meno l-istess haga li fi kwalunkwe kaz huma kienu qeghdin jahdmu fuq art privata u deherlu li ma kellhomx ghalfejn igibu permess, ghad li kienu applikaw u ottjenew permess mill-ADT sabiex jesegwixxu x-xogholijiet. Minkejja li kellhom dan il-permess hadd mis-socjeta’ attrici ma gie biex jimmarkalhom il-*cable*.

Victor Busuttil *Senior Technical Officer* ma’ l-*Overseers Section* tas-socjeta’ attrici (fol 79) ighid illi kien fil-mansjoni tieghu li jimmarka l-*cables*. Darba ssir applikazzjoni, mill-inqas tlett ijiem qabel it-thaffir, jiehu hsieb jibghat in-nies sabiex jimmarkaw il-*cables*. Veru illi l-kuntrattur Carmelo Bonnici kellu l-permess numru 1898/04 mill-ADT, pero’ b’dana kollu l-konvenuti ma kkuntatjawhx sabiex jimmarkalhom il-*cables*. Esebixxa d-dokument KG 3 (fol 24) minn fejn tidher obbligazzjoni minn naha tal-kuntratturi illi jikkuntatjaw lilu personalment qabel ma jwettqu x-xogholijiet, izda f’dan il-kaz hadd ma kkuntatjah. Gew esebiti bhala Dokument KG 3 ir-regolamenti ta’ l-ADT li huma kundizzjonijiet generali illi japplikaw ghal kwalunkwe *trenching works* illi jkunu qeghdin isiru fit-toroq liema regolamenti jghidu espressament li ghandhom jigu kkuntatjati s-*service providers* kollha sabiex jaccertaw illi ma jsirux hsarat.

Joseph Schembri a fol 86 Technical Executive mas-socjeta’ attrici, qal illi r-rapport Dokument KG 4 a fol 27 kitbu hu. Mar fuq il-post u kellem lill-konvenut Carmelo Bonnici fejn qallu li cediet il-gaffa. Seta’ jara l-hsara u identifika l-*cable* bhala *‘1600PR’* illi pero’ ma jissewwiex u kellu jinbidel minn *manhole* sa *manhole.* Rigward it-tqeghid tal-*cable* fl-art informa lill-Qorti li hemm zewg metodi ta’ tqeghid. Wiehed illi tqieghed il-*cable* u jitghatta bic-cangatura, jsiru *warning tapes* u jitghatta bil-konkos u t-tieni metodu bhalma hu dan il-kaz

jitqieghdu fil-*plastic pipes* u kollox jitghatta bit-terrapien.

Il-persuna responsabbli biex timmarka l-*cables* kienet Joseph Bonnici li huwa *overseer* mal-kumpanija GO (fol 103) xehed li xogholu huwa li jimmarka l-*cables*, izda f'dan il-kaz hadd ma gie ghandu sabiex jitlob dan is-servizz. F'dan il-kaz mar fuq il-post u ltaqa' mal-kuntrattur Carmelo Bonnici illi kien prezenti, ra l-*cable* maqtugh fi Triq Lorry Sant kantuniera ma' Triq Bormla l-Fgura.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti jidhrilha illi l-konvenuti naqsu mill-obbligazzjonijiet taghhom meta ma hadux hsieb li jkollhom il-permessi kollha in regola principalment dak tas-socjeta' attrici sabiex jigu mmarkati l-*cables* fl-art. M'hijiex skuza li l-*cable* kien biss pied u nofs l-isfel minn wicc it-triq. Il-fatt biss li l-konvenuti naqsu mill-obbligazzjoni taghhom li javzaw formalment lis-socjeta' attrici hija indikazzjoni ta' traskuragni u negligenza fl-operat taghhom.

Il-konvenut Justin Bonnici qal li ghamel applikazzjoni mal-Maltacom izda hadd ma gie biex jimmarka. Mistoqsi jekk marx fl-ufficini jew inkella baghatx lil xi hadd mid-ditta tieghu, ighid li hu personalment ma marx u lanqas ma baghat lil xi hadd mid-ditta tieghu. Ghalhekk ma rrizultax illi fil-fatt il-konvenuti kellhom xi permess minghand il-Maltacom sabiex ikomplu bix-xogholijiet. Lanqas ma jistghu jsibu konfort mill-fatt illi l-art kienet privata. Mhuwiex veru li f'dan il-kaz il-kuntrattur huwa ezenti milli japplika ghall-permessi. Jekk f'dik l-art privata ghaddejjin xi *cables*, allura f'dan il-kaz huwa obbligu taghhom sabiex isegwu l-procedura u jassiguraw li jkollhom il-permessi kollha f'posthom, inkluz l-immarkar tal-*cables*. Kif ghallmet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet <u>Anthony Ventura noe vs Raymond Galea deciza</u>

> <u>fil-31 ta' Lulju 1996:</u> *"kemm is-sid kif ukoll il-haddiema kienu responsabbli illi jottjenu l-permessi relattivi kollha u jiehdu dawk il-mizuri sabiex jassiguraw li l-cables tas-socjeta' attrici [allura Enemalta] ma jigux danneggjati, anke waqt skavar ta' plot privata."* Dan huwa proprju kontra l-argument tal-konvenuti. Apparti l-fatt illi ma giex ippruvat li l-hsara saret f'art privata pero' anke jekk dan kien il-kaz, ma kienx se taghmel differenza ghar-responsabbilta' tal-konvenuti. Il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta' attrici ppruvat fi grad li trid il-ligi illi l-konvenuti kienu negligenti u traskurati fl-operat taghhom u li minhabba f'hekk ikkagunaw hsara u dannu lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici. Din l-ahhar socjeta' pprezentat id-dokumenti u l-kontijiet kollha necessarji sabiex tipprova l-hsara u kemm giet tiswa r-riparazzjoni. Fuq dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni min naha tal-konvenuti. Ghalhekk it-talba tas-socjeta' attrici timmerita li tkun konfermata.
>
> Ghal dawn il-motivi,
>
> Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna in solidum lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ammont ta' €11,631.58 (Lm4993.44) in konnessjoni ma' hsarat ikkagunati lill-proprjeta' tas-socjeta' attrici waqt xogholijiet fi Triq Bormla, Fgura, f'Jannar 2005.
>
> Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Frar 2006 u notifikata fit-28 ta' Frar 2006 kontra l-konvenuti."

Mill-korp ta' l-appell intavolat mill-konvenuti qed jigu individwati in succint dawn l-aggravji:-

1. Bl-ewwel ilment huma jiccensuraw lill-ewwel Qorti li ma tathomx il-possibilita` li jgibu l-provi kollha taghhom izda gew imwaqqfa milli jipprovaw il-kaz taghhom;

2. Mill-provi gie konstatat illi l-hsara fil-*cable* avverat fi Triq Lorry Sant, Fgura u mhux fi Triq Bormla, Fgura, kif erronjament indikat fl-Avviz. F'dan il-kuntest l-appellanti jissottomettu illi la t-talba kienet wahda specifika, il-Qorti kellha tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom;

3. Il-*cable* kien ghaddej minn art privata u mhux minn triq pubblika;

4. Is-socjeta` attrici ma ressqet ebda talba ghal dikjarazzjoni ta' responsabilita` izda biss li jigu kkundannati jaghmlu tajjeb ghall-hsarat. B'dan l-ilment l-appellanti jippretendu li l-ewwel Qorti kellha tilliberahom *ab observantia*;

Huwa evidenti mill-kontenut ta' l-ewwel aggravju illi l-appellanti qeghdin jillanjaw minn lezjoni tal-principju ta' gustizzja naturali *audi alteram partem.* Indubbjament, il-Qrati taghna kienu dejjem fuq quddiem biex, fejn jokkorri, jinkulkaw ir-rispett u t-tutela shiha lil dan il-principju minn kull tribunal, bord jew awtorita` amministrattiva. Simultanjament, l-istess Qrati ma naqsux ukoll milli jinsistu ghall-osservanza u l-harsien tar-regoli procedurali mill-partijiet fil-kawza biex l-andament tal-kawza jipprecedi kif ghandu jkun ghax, kif deciz, "anke fl-applikazzjoni ta' dan il-principju bazilari ta' dritt (*audi alteram partem*) kellhom jigu osservati l-interessi supremi tal-gustizzja kif ukoll id-drittijiet tal-kontro-parti li kienu jesigu illi s-smigh tal-kawza jkun regolat skond kif tidderiegi l-Qorti bl-applikazzjoni tal-ligi procedurali" ("**Teddy Spiteri *et* -vs- Catherine Muscat *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000);

Fuq din l-osservazzjoni ta' l-ahhar hu wisq pacifiku illi "l-Qorti ghandha d-dritt li tirregola l-gbir tal-provi waqt l-andament tal-kawza. Ghandha wkoll id-dritt li tindirizza lill-kontendenti dwar liema provi jidhrilha mehtiega biex tiddetermina l-vertenza u ghandha wkoll id-dritt li tiddispensa lill-partijiet mill-produzzjoni ta' xhieda u provi jekk fil-fehma taghha dawn ma jkunux jirrizultaw utli u

necessarji u jkunu allura superfluwi" ("**John F. Bernard** ***nomine*** **-vs- Monica Mizzi**", Appell Inferjuri, 28 ta' Ottubru, 1994 per Imhallef Joseph Said Pullicino);

Premess dan, l-atti f'dan il-kaz juru din is-sekwela:-

1. Skond il-verbal tal-20 ta' Frar, 2008 (fol. 94) il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti ghat-3 ta' Gunju, 2008 wara li f'dik is-seduta xehed il-konvenut Justin Bonnici;

2. Ghas-seduta ta' l-24 ta' Frar, 2009 xehed Joseph Bonnici, impjegat tas-socjeta` attrici, li tharrek mill-konvenuti. Ghal darb' ohra l-kawza thalliet ghall-kontinwazzjoni tal-provi tal-konvenuti ghat-2 ta' Gunju, 2009;

3. F'din l-ahhar imsemmija seduta ma sar xejn ghaliex, wara li l-kawza giet posposta, la deher il-konvenut u lanqas l-Avukat difensur tieghu. Il-Qorti ghalhekk iddifferiet il-kawza ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenuti ghall-15 ta' Gunju, 2009, bil-monitu li jekk jerga' ma jsir xejn tghaddi ghas-sentenza fuq il-provi in atti;

4. Fl-udjenza tal-15 ta' Gunju, 2009 xehed il-konvenut Carmelo Bonnici u x-xhud John Carabott u wara d-dikjarazzjoni li ma jidherx li hemm aktar x'isir il-kawza thalliet ghas-sentenza;

5. B'rikors tat-22 ta' Gunju, 2009 il-konvenuti talbu s-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ghax ippretendew li kellhom provi ohra x'iressqu. Din it-talba giet michuda mill-Qorti b'digriet tal-24 ta' Gunju, 2009;

Konsiderata kif imiss din il-kronologija, din il-Qorti ma ssibx li hi gustifikata c-censura ta' l-appellanti rivolta lejn l-ewwel Qorti fis-sens illi din illeditilhom il-principju tas-smigh xieraq. In bazi ghall-gurisprudenza enuncjata, il-garanzija tal-principju ma tikkontemplax in-necessita` ta' l-ammissjoni ta' provi ohra testimonjali jew il-fissazzjoni ta'

udjenza gdida ghal dan l-iskop. Apparti l-importanza tad-dixxiplina processwali meta ghandhom jitressqu l-provi fl-udjenza ffissata ghal daqshekk ma jistax jonqos ukoll illi l-gudizzju preventiv fuq l-ammissibilita` u r-rilevanza tal-provi rikjesta minn xi parti hu dejjem ispirat minn ezigenzi ta’ razzjonalita` u ta’ ekonomija processwali ri-entranti fil-valutazzjoni diskrezzjonali tal-Qorti adita. Fil-kaz prezenti ma jirrizultax in bazi ghas-suesposta kronologija, illi din id-diskrezzjoni, ukoll fir-riflessjoni ta’ dak li hu provvdut fl-Artikolu 201 tal-Kapitolu 12, giet ezercitata hazin mill-ewwel Qorti. Fic-cirkostanzi, l-ewwel aggravju qieghed ghaldaqstant jigi skartat;

It-tieni ilment hu, imbaghad, ghal kollox fieragh u nieqes mis-serjeta. L-atti juru illi l-hsara fil-*cable* sehhet “fi Triq Lorry Sant kantuniera ma’ Triq Cospicua” (ara deposizzjoni tas-Surgent Geoffrey Cutajar, fol. 44) jew “f’Cospicua Road kantuniera ma’ Triq Lorry Sant” (xhieda tas-Senior Technical officer tal-kumpanija attrici Victor Busuttil, fol. 79). Veru li s-socjeta` attrici optat fl-Avviz taghha li tirreferi ghal hsarat fil-*cable* gewwa Triq Bormla, izda b’daqshekk ma jfisserx li ghal din l-indikazzjoni specifika tat-triq fejn saret il-hsara, l-azzjoni ma setghetx tirnexxi. Dan il-legalizmu u formalizmu zejjed huwa inammissibbli, trattasi wkoll minn kawza quddiem sede Inferjuri fejn, kif rikonoxxut, il-Qorti “*procede ‘sola facti veritate inspecta’, applicando la legge secondo il fatto provato, malgrado che l’espressione della domanda medesima non sia stata cosi regolare come avrebbe dovuto essere in un procedimento innanzi ad una Corte Superiore*” (“**Carmelo Galea -vs- Francesco Bigeni**”, Appell Inferjuri, 20 ta’ Novembru, 1920);

Riferibilment ghat-tielet aggravju jinghad illi huwa ghal kollox immaterjali jekk l-iskavar u l-konsegwenti event dannuz fil-*cable* sarux fi plot privata jew fi triq pubblika. Il-fatt jibqa’ li l-hsara saret u dan fi proprjeta` tal-kumpanija appellata. Il-fatt jibqa’ wkoll illi qabel l-ezekuzzjoni ta’ dak l-iskavar kien necessitat il-permess preventiv ta’ l-istess socjeta` appellata u dan, mill-provi, ma jirrizultax li ntalab,

tant li l-konvenuti inizzjaw ix-xoghlijiet qabel ma sar l-immarkar fis-sit ta’ kif kien ghaddej il-*cable*.  Gja din il-Qorti, a propozitu ta’ dan kellha okkazjoni tirrileva illi “l-immarkar ma huwiex xi usanza merament burokratika imma dak l-immarkar hu hekk impellenti biex jigi individwat b’akkuratezza l-lok fejn tkun posizzjonata l-infrastruttura, u b’hekk jigi skongurat skavar bl-addocc” (“**Maltacom plc -vs- Anthony Vella *et***”, 15 ta’ Novembru, 2006).  Ukoll dan l-ilment qed jitqies bla fondament;

Kwantu ghall-ahhar aggravju din il-Qorti ma tistax ma tinnotax illi dan hu ilment gdid li qed jitqajjem ghall-ewwel darba f’dan l-istadju ta’ l-appell.  M’hemmx ghalfejn jinghad, jekk mhux b’ripetizzjoni ta’ dak bosta drabi ohra kkummentat minn din il-Qorti, illi fi stadju ta’ appell ma jistghux jigu introdotti fil-kontroversja temi godda ta’ investigazzjoni u ta’ decizjoni, u dan id-divjet japplika anke fejn id-domanda gdida jkollha bazi f’norma ta’ dritt.  Biex jinghad kollox, imbaghad, l-ilment dedott lanqas ma ghandu bazi fi procedimenti inferjuri, anke ghaliex, fit-termini ta’ l-Artikolu 171 (1) tal-Kodici tal-Procedura hi sufficjenti t-talba ta’ l-attur, u l-prova tar-responsabilita`setghet dejjem tigi accertata mill-Qorti fl-istadju tal-provi minghajr il-htiega ta’ talba dikjaratorja specifika *ad hoc* fl-att ta’ l-Avviz.  Il-kazistika surreferita fil-konsiderazzjoni tat-tieni ilment tghodd ghal dan l-ahhar ilment ukoll.

Ghal motivi kollha predetti u dawk l-ohra ta’ l-ewwel Qorti, din il-Qorti qed tichad l-appell fl-aggravji kollha tieghu. Tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din l-istanza a karigu tal-konvenuti appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------